# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tar-4 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 8 ta' Ġunju 2015 fis-5:55 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Kunsillier** | Christopher Fenech |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**04/01** **Talba**

**04/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-5.55 p.m. billi ntqalet it-talba. Il-Kunsillier Christopher Fenech u l-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġew skużati.

**04/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 3**

**04/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**04/03** **Punti imtella' mill-Minuti 3**

**04/03/01** **Para 03/04/01:** Saret l-applikazzjoni mal-Enemalta għall-bozza ġdida fi Sqaq il-Ħofra.

**04/03/02** **Para 03/04/04:** Ġie deċiż li għal mument ma ssirx il-linja safra fi Triq l-Oratorju u ssir għal-laqgħa ma' TM rigward l-ipparkjar ta' vetturi fi Triq l-Oratorju.

**04/03/03** **Para 03/04/10:** Is-sejħa pubblika għal servizzi ta' Perit ser issir fil-jiem li gejjin.

**04/03/04** **Para 03/04/11**: L-Agent S.E. informa li ghad irid jiccekkja l-ftehim ma KMS.

**04/03/05** **Para 03/04/12:** Inxtraw il-kotba għal-librerija pubblika skont Memo 10/2015.

**04/03/06** **Para 03/06/01:** Wara *site visit* ġie deċiż li l-mera fi Triq Santa Katerina ma ssirx.

**04/03/07** **Para 03/06/04:** Gie deciz li ghalissa ma tkunx ikkunsidrata li jsir *parking nose to kerb* fi Triq Emm Perren peress li jidher li jekk il-vetturi jipparkjaw hekk ikun hemm *encroachment* ghal fuq il-karreggjata.

**04/03/08** **Para 03/08/01:** Wara li sar kuntatt mal-ewwel u wara mat-tieni kandidata magħżula għall-post ta' *clerk (part time)* ġie deċiż li tintgħażel it-tlieta kandidata *short listed* għall- post.

**04/03/09** **Para: 03/08/02:** Ġie deċiż li jiġi estiz bi tlett xhur il-kuntratt tas-servizz tal-knis fil-lokal sakemm tinhareg sejha gdida.L-Agent S.E. informa li hu kien talab il-permess tad-DLG sabiex jiex estiz il-kuntratt ezistenti.

**04/03/10** **Para 03/08/13:** L-Agent S.E. informa li ghad trid tinhareg is-sejha ghas-servizz tal-Accountant u ghall-Poloz tal-Assigurazzjoni. Sadanittant hu kien ser jitlob il-permess tad-DLG sabiex jigu estizi il-kuntratti ezistenti.

**04/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**04/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**04/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**04/05/01** 18115012229035 Talba sabiex titwahhal U bollard quddiem RCV fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill unanimament qabel u gie deċiż ukoll li tintbagħat ittra lil dan il-ħanut biex matul il-gurnata ma jhallix kaxxi tal-halib u skart fuq il-bankina.

**04/05/02** 18115024229034 Talba sabiex titwahhal U bollard quddiem Aquavel fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill unanimament qabel.

**04/05/03** 18115041229372 Talba sabiex titwahhal U bollard fil-Pjazza fejn qabel kien hemm bollard li tkissret. Il-Kunsill unanimament qabel.

**04/05/04** 18115087229376 Kien hemm diskussjoni fuq il-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija pubblika tal-Kunsill. Ġie deċiż li nhar ta' Erbgħa l-ħin tal-ftuh ikun bejn l-4.30pm u s-6.30pm u is-Sibt filgħodu jibqa' kif qiegħed preżenti.

**04/05/05** 18115050229378 Talba biex issir attività privata fi Ġnien il-Paċi. Filwaqt li l-Kunsill iddiskuta jekk dan il-Gnien ghandux jibda jinkera ghall-attivitajiet privati kien hemm qbil li l-ewwel tkun trid issir Bye Laws li jirregolaw dan il-kiri kif ukoll il-gbir tal-hlas. Ġie deċiż li qabel tittiehed decizjoni finali dwar dan is-suggett, peress li Gnien il-Paci hu devolut minghand il-Gvern l-ewwel ninfurmaw lill-GPD u ngibu l-approvazzjoni taghhom.

**04/05/06** Talba biex jehel doggie bin hdejn Top of World. Gie deciz li dan jehel pero l-ewwel għandha tinġabar stima. Gie innutat li fi Triq Ghaxqet l-Ghajn hemm hafna hmieg specjalment in-naha ta' Top of World. Il-haddiem ghandu jintalab jnaddaf sew.

**04/06** ***Korrispondenza***

**04/06/01** Ġie deċiż li jsir reklam fil-fuljett tal-festa tal-Għaqda tan-Nar għall-prezz ta' 60 Ewro. Ġie deċiż ukoll li jsir reklam simili fil-fuljetti tal-Għaqda Festa San Bartilmew u tal-Każin tal-Banda.

**04/06/02** Stima ta' €600 biex isir xogħol tal-ħadid fi Ġnien il-Paċi. Din l-istima giet meqjuza gholja u gie deċiż li ma jsirx dan ix-xogħol.

**04/06/03** Rigward tabella fi Triq l-Oratorju s-Sindku informa li TM kienu infurmawh li din saret minnghajr l-approvazzjoni taghhom pero jekk issir talba huma kienu ser jikunsidraw li tigi approvata. Ġie deċiż li ghalissa din it-tabella titneħħa u niddiskutu ma TM fil-laqgha li ser issir.

**04/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA. Gie innutat li issa l-MEPA approvat il-bini ta' gwiebi fi Sqaq il-Hofra u ghalhekk nistennew li l-Gvern jibda minghajr aktar dewmien il-bini tal-*culvert* fi Triq San Gwann. Rigward l-applikazzjoni ghat-Torri tas-Semaforu li giet irriffjuta mill-MEPA gie deciz li l-Kunsill jikteb u jinsisti li dan il-permess ghandu jinghata.

**04/06/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Joe Desira rigward rati mill-WSC għax-xogħol fi Triq Fra Duminku Mifsud.

**04/06/06** Talba minn resident sabiex fil-Għargħur terga issir bring in site. Il-Kunsill innota li bhalissa qed jigi offrut ta' gbir tal-iskart kollha inkluz il-hgieg. Gie deciz li jekk il-quddiem jigi deciz li ssir bring in site din trid tkun taħt l-art.

**04/06/07** Ġiet innutata talba għal-laqgha minghand l-Ex Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Louise Gusman. Ser jattendu għal din il-laqgħa, is-Sindku, l-Agent S.E. u l-Avukat tal-Kunsill.

**04/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**04/07/01** Is-Sindku tkellem fuq il-problemi li qed ikun hemm fit-triq Ghaxqet l-Ghajn l-aktar fil-parti li tagħti għat-Top of The World. Wara diskussjoni, ġie deċiż li ssir talba lil TM biex din it-triq tingħalaq għall-vetturi u tiġi aċċessibbli biss bil-mixi.

**04/07/02** Is-Sindku tkellem rigward il-bżonn li l-Kunsill ikollu s-servizzi ta' tabib sabiex jzur l-istaff tal-Kunsill meta dawn jirrappurtaw li huma morda. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**04/07/03** Il-Kunsillier Carl Grech ippropona li jsir qtugħ tal-ħaxix (one time) fit-triq li twassal ghall-post tan-nar. Kien hemm qbil fuq dan. Hu talab ukoll biex isir poster sabiex jippromovi l-attivita' tal-Ħuġġieġa. Dan mhux ser jiswa flus ghaliex fih ser inkorporat reklam bi hlas. Kien hemm qbil fuq dan.

**04/07/04** Il-Kunsill ġie mfakkar fuq l-attività tal-Ħarġa Kulturali għall-Parlament. Din għandha issir fit-23 ta' Ġunju 2015 u l-hlas ser tkun €7 Ewro li jinkludi ikla ravjul.

**04/07/05** Is-Sur Carl Grech tkellem fuq is-Sotto Kumitat li jieħu ħsieb hu. Hu ressaq lista ta' ismijiet biex iservu fuq dan is-Sotto Kumitat (SKQS). Giet approvata din il-lista. Hu informa li ser isir coffee morning ghall-anzjani fis-sala tal-Kunsill.

**04/07/06** Ġie innutat is-suċċess tal-laqgħa tal-LEAP li saret fil-Kunsill. Għandu jsir *follow up meeting* ieħor.

**04/07/07** Il-Vici Sindku fakkar li sal-ahhar ta' x-xahar il-Kunsill irid jibghat ir-risposta ghall-*Management Letter* kif ukoll suppost diga intbaghat lid-DLG il-*Quarterly Financial Report* ghax-xhur Jannar sa Marzu 2015. L-Agent S.E. ser isegwi mall-Accountant.

**04/07/08** Il-Vici Sindku informa li S-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew ser tibbenefika minn ghotja ta' c. €34515 that Azzjoni 413.6 minghand l-MAGF li tieghu l-Kunsill hu membru. Din l-ghotja issegwi ghotja ohra li diga ibbenefikat minnha s-Socjeta' meta kienet saret l-ewwel sejha. Ghalissa din l-ghotja hi provizorja u tista tinbidel ghaliex bhalissa ghaddej il-process tal-appelli. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon dan kollhu.

**04/08** **Aġġornament**

**04/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.50 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2015 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |